BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

STQARRIJA GĦALL-MEDIA

**Data tal-Publikazzjoni: 15 ta' Lulju 2011**

**Suġġett: Ir-Riżultati tal-i*Stress Tests* għas-settur bankarju fl-UE**

Il-*Bank of Valletta plc* (BOV) ħa sehem dirett fl-eżerċizzju tal-i*stress test* għall-2011 li sar madwar l-UE kollha u li kien immexxi mill-Awtoritá Bankarja Ewropea (EBA) flimkien mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA), il-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-Kummissjoni Ewropea (KE) u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ESRB). Din kienet it-tieni darba li l-BOV ħa sehem f'dan l-eżerċizzju.

L-eżerċizzju sar billi ttieħdu xenarji, metodoloġija u parametri ewlenin mfassla mill-EBA (ara r-rapport aggregat fuq is-sit elettroniku tal-EBA[1]) fuq kampjun ta' 91 bank li bejniethom ikopru aktar minn 65% tal-assi totali tas-sistema bankarja tal-UE. L-eżerċizzju jkejjel kemm il-banek Ewropej kapaċi jifilħu għal skossi qawwija kif ukoll x'jiġri mis-solvibilità individwali tagħhom f'ċirkustanzi ipotetiċi ta' stress taħt kundizzjonijiet restrittivi. Il-parametri u l-metodoloġija ġew imfassla biex ikejlu kemm il-kapital tal-banek jibqa' adegwat mal-livell ta' referenza ta' 5% bħala kapital *Core Tier 1*. Fl-eżerċizzju ta' din is-sena intużat metodoloġija aktar iebsa sabiex terġa titnissel il-fiduċja fis-saħħa tal-banek li ġew ittestjati. Ix-xenarju negattiv tal-i*stress test* kien imfassal mill-BĊE u mifrux fuq perijodu ta' sentejn (2011-2012). L-i*stress test* sar abbażi tal-karta tal-bilanċ f'Diċembru 2010 daqs li kieku ma nbidlitx.

Wara li ġew applikati x-xokkijiet taħt xenarju negattiv jirriżulta li l-proporzjon tal-kapital *Core Tier 1* tal-BOV jinbidel bi ftit minn 10.5% fl-aħħar ta' Diċembru 2010 għal 10.4% fl-aħħar tal-2012.

Ir-riżultati ġenerali jikkonfermaw li l-bank kapaċi jiflaħ għax-xokkijiet plawsibbli imma improbabbli li kienu simulati f'dan l-eżerċizzju u li jissodisfa l-livelli ta' referenza ta' kapital użati għall-iskop ta' dan l-i*stress test* mal-UE kollha.

L-MFSA u l-Bank Ċentrali ta' Malta kellhom diskussjonijiet fid-dettall mal-BOV rigward ir-riżultati tal-i*stress test* u huma jikkonfermaw ir-riżultat pożittiv tat-test. Dan l-i*stress test* fil-fatt jikkumplimenta l-proċeduri ta' *risk management* u programmi ta' *stress testing* li l-BOV jagħmel regolarment taħt il-proċess ta' vverifikar regolatorju mitlub mill-*Pillar 2* tal-*Basel II* u mis-*CRD*[2].

[1] http://www.eba.europa.eu/EU-wide-stress-testing/2011.aspx
[2] Direttiva KE/2006/48 – id-Direttiva tar-Rekwiżiti tal-Kapital (CRD)

Ir-riżultati tal-BOV jinsabu fis-siti elettroniċi rispettivi tal-Bank Ċentrali ta' Malta u tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji.

Minħabba li l-*istress test* sar b'numru ta' suppożizzjonijiet ewlenin komuni li jissimplifikaw ċertu aspetti (eż. karta tal-bilanċ fissa) l-informazzjoni rigward xenarji ta' referenza qed tingħata biss ghall-finijiet ta' paragun u m'għandha bl-ebda mod titqies bħala xi forma ta' tbassir dwar kif se jmur il-bank.

Skont parametri mfassla mill-EBA u mill-BĊE, numru ta' sussidjarji ta' banek barranin f'Malta ġew inklużi f'dan l-eżerċizzju fuq bażi kkonsolidata bħala parti mill-istituzzjoni prinċipali barranija. F'dawn il-każi, għalhekk, l-eżerċizzju tal-i*stress test* sar mill-awtoritajiet relevanti tal-pajjiż ta' domiċilju u r-riżultati qed jiġu ppubblikati mill-awtoritajiet inkarigati mis-sorveljanza tal-banek rispettivi.

Aktar informazzjoni dwar l-eżerċizzju tal-i*stress tests* li saru mal-UE kollha u r-riżultati miksuba mill-91 banek Ewropej f'dan l-eżerċizzju jinsabu fuq is-siti elettroniċi tal-EBA u tal-BĊE.